MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 215/1995/1

Twanny Curmi .

vs

John Cauchi .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

illi fil-hmistax (15) ta' Ottubru, tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) l-attur waqt li kien qieghed isuq motorcycle bin-numru ta' registrazzjoni bl-ittra P sitta, hamsa, sitta, sebgha (P 6567) fi Triq il-Hamrija, kantuniera ma' Triq Widnet il-Bahar, Xewkija, Ghawdex, ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00 p.m) huwa kien involut f'incident awtomobilistiku ma' truck bin-numru ta' registrazzjoni bl-

ittra J tnejn, sitta, sebgha, tlieta (J 2673) proprjeta’ ta’ Carmel Cauchi u misjuq mill-konvenut John Cauchi .

Illi fil-mument tal-incident l-attur kien qieghed isuq fuq in-naha proprja tat-triq u bid-debita prudenza u dan l-incident gara minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut .

Illi konsegwenza ghal dan l-incident l-attur sofra danni ingenti li jinkludu sew danni materjali u kif ukoll telf ta’ qliegh futur minhabba debilitazzjoni fizika permanenti .

Illi l-konvenut minkejja li gie interpellat sabiex jaddivjeni ghal likwidazzjoni u hlas ta’ dawn id-danni baqa’ inadempjenti .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :
1. Tiddikjara illi l-incident oggett ta’ din il-kawza gara minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li ghal hekk ghandu jwiegeb ghad-danni konsegwentement sofferti mill-attur .

2. Tillikwida dawn id-danni .

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f’Novembru, 1995 .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi huwa ma jahtix ghal incident meritu ta’ din il-kawza peress illi l-istess incident gie kagunat unikament u esklussivament mis-sewqan irresponsabbli u eccessiv da

parti tal-attur, u peress illi dan mar jaqla' ossia jissorpassa vettura (truck) illi kienet qeghda taghmel manuvra ta' kisra ghal fuq il-lemin taghha bl-indicators jixghelu u dan minghajr ma ha ebda prekawzjoni jew misura preventiva ohra sabiex jevita l-incident .

2. Illi fi kwalunkwe kaz, mhux veru illi l-attur sofra xi danni per konsegwenza tal-incident mertu ta' din il-kawza .

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-attur irid jipproduci ix-xhieda kollha ndikati minnu fil-lista tax-xhieda annessa mac-citazzjoni huwa jrid qabel xejn jindika l-iskop illi ghalih huwa irid jingungi kull xhud ai termini tal-ligi tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u jekk ma jaghmilx dan l-esponenti jinsisti illi dawn ix-xhieda ma jistghux jigu prodotti .

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat is-sentenza parzjali taghha tas-26 ta' Jannar 1999 dwar ir-responsabilita' ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza .

Rat il-verbal taghha ta' l-24 ta' Jannar 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza finali .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar il-kwantum tad-danni li ghandhom jigu likwidati lill-attur .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi bis-sentenza taghha fuq indikata tas-26 ta' Jannar 1999, din il-Qorti ddisponiet mill-ewwel talba maghmula f'din ic-citazzjoni billi ddikjarat lill-kontendenti ugwalment responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza . Jibqghu ghalhekk sabiex jigu kunsidrati t-talbiet l-ohra li

jikkoncernaw il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta' l-istess incident .

Il-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodici Civili . Madankollu kif gie osservat mill-Qrati taghna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, ghax kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz . Is-somma tad-danni hi rimessa ghall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi[1]. Fl-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni taghha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, ghandha thares lejn ic-cirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuza bhala tests biex tikkontrolla c-cifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suggerit mill-gurisprudenza estera f'dan ir-rigward, minghajr ma tivvinkola ruhha b'xi wiehed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm certa elasticita' ta' kriterju adattabbli ghall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie[2] .

Skond il-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewg aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegh futur (lucrum cessans) .

A. **Damnum emergens .**

1. ***Hsara fil-motor cycle*** li kien qed isuq dak il-hin ta' l-incident : L-attur esebixxa *invoice* li tindika l-hsarat li kellu fil-mutur tieghu in segwitu tal-kollizzjoni fl-ammont ta' tliet mija tlieta u sebghin lira maltija u ghaxar centezmi (Lm373.10)[3] . Dan l-ammont ma giex kontestat mill-konvenut; jidher ukoll illi fic-cirkostanzi huwa ragonevoli u ghalhekk ripetibbli .

2. ***Spejjez ghal kura medika*** li kellu jaghmel l-attur in konnessoni mad-debilita' li sofra f'din il-kollizzjoni . Huwa esebixxa hames ricevuti f'dan ir-rigward amontanti flimkien ghas-somma ta' tnejn u disghin lira

---

[1] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .
[2] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol.XL. I. 73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol. XLII. II. 1019 .
[3] Dok. TC. 6 a fol. 214 tal-process .

maltija (Lm92)[4] . Dawn ukoll huma ripetibbli . Jghid ukoll li nefaq madwar mitejn lira maltija (Lm200) ohra f'tobba u medicini, imma dwar dawn ma kienx f'pozizzjoni jesebixxi ircevuti, u ghalhekk ma jistghux jigu konsidrati .

3. ***Telf ta' paga, allowances u beneficcji*** ohra minhabba l-korriment ta' l-attur . L-incident mertu ta' din il-kawza sehh fil-15 ta' Ottubru 1994 . F'dak iz-zmien l-attur kien jahdem bhala *gunner* mal-Forzi Armati ta' Malta, fejn kien gia ilu jahdem ghal erba' snin . Dak iz-zmien kien jahdem fuq bazi regolari bhal persuni ohra fl-istess kategorija u kien jahdem fuq *shift* u, skond kif imissu, anke fil-hdud u festi . Dan kien jintitolah ghal *allowance* li kienet tifforma percentwali konsiderevoli mill-paga tieghu . Wara l-incident, l-attur ghamel xi xhur ma jattendix ghax-xoghol[5] u kien jircievi biss il-paga bazika . Meta rritorna ghax-xoghol qabbduh jaghmel xoghol li ma jirrikjedix hafna strapazz bhal *telephone operator* u xoghol ta' skrivan . Ghalhekk ma baqghax jahdem fuq *shift* u lanqas il-hdud u festi, bil-konsegwenza li garrab telf sostanzjali fid-dhul tieghu, kif jirrizulta mill-iskeda ppreparata mill-Kurunell Mario Schembri, li turi li sat-2 ta' Marzu 2002 dan kien jammonta ghal tliet elef tliet mija seba' u tmenin lira maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm3387.33)[6] .

B**. Lucrum Cessans :**

Dwar il-metodu kif jigi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati taghna adottaw diversi kriterji . Kif intqal pjuttost recentement mill-Qorti ta' l-Appell :

**"***Jinghad illi l-Qrati taghna fil-pronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom….. Diversi drabi l-Qrati*

---

[4] Dokt. TC.1 sa TC.5 a fol. 212, 213 tal-process .

[5] ara rapport ta' l-espert mediku l-Profs. V. Griffiths a fol. 62 al-process .

[6] ara xhieda tal-Kurunell Schembri tal-11 ta' Jannar 2001 a fol. 200 - 201 u Dok. TC. 7 a fol. 215

*taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza 'Butler v. Heard'.*[7]

Imma kif gie enfasizzat f'sentenza ohra ta' dik il-Qorti, ccitata favorevolment fis-sentenza taghha f'dik il-kawza :

*"Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm-il darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza, dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilita' . Inoltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni . Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'* [8] *.*

Ghal numru ta' snin il-Qrati taghna fil-maggior parti tal-kazi segwew rigorozament il-metodu stabilt ghall-ewwel darba fil-kawza "Butler vs Heard" . Din il-kawza tat origini ghal dak li jissejjah il-***multiplier system*** li fiha l-percentwali tad-debilita' u l-qliegh annwali tal-korrut jigu moltiplikati bis-snin tal-hajja lavorattiva bazata fuq il-*life expectancy* tieghu mizjud b'percentwali biex taghmel tajjeb ghall-inflazzjoni u ziediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' certu ammont minhabba l-*lump sum payment* . F'dawn l-ahhar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni gie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jiehu konsiderazzjoni ahjar tac-cirkostanzi taz-zmenijiet attwali[9] .

Fil-kaz in ezami nsibu illi l-attur garrab debilita' permanenti ta' ***tletin fil-mija (30%)***[10] ***.*** Dan ir-rapport ma giex kontestat mill-konvenut u l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tadottah .

---

[7] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002 .

[8] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell : 20.7.1994 .

[9] Emanuel Mizzi vs Carmel. Attard : sentenza ta' din l-Qorti tat-13.5.2003 .

[10] ara relazzjoni ta' l-espert mediku l-Profs. V.Griffiths a fol. 62 – 63 tal-process .

Meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, l-attur kien ilu mpjegat bhala *gunner* mal-Forzi Armati minn Settembru tas-sena 1991[11] , l-iskala l-iktar baxxa bil-paga bazi meta sehh l-incident fl-1994 ta' Lm2915 fis-sena . Kien intitolat ukoll ghal madwar Lm360 fis-sena bhala *allowances* u *bonuses*[12] *.* L-attur xehed ukoll illi qabel l-incident kien jaghmel xoghol *part time* bhala mastrudaxxa u minnu jikkalkula li kien idahhal madwar tliet mitt lira (Lm300) ohra fis-sena . Minhabba d-debilita' tieghu dan ix-xoghol naturalment ma setghax ikompli jaghmlu wara l-incident *de quo* . L-attur ma gab ebda prova dwar dan l-introjtu zejjed, imma din il-Qorti thoss illi ghandha tirrikonoxxi illi hija drawwa llum il-gurnata illi hafna nies b'paga relattivament baxxa jippruvaw jissuplimentawha b'introjtu iehor minn xi bicca xoghol wara l-hinijiet normali, fi sforz li jlahhqu mal-bzonnijit tal-hajja moderna[13] . L-attur dakinhar tal-incident kien guvni ta' hamsa u ghoxrin (25) sena u ma kellu xejn xi jzommu milli jaghmel bhal hafna ohrajn u fejn tigieh l-okkazzjoni jsib xoghol iehor fil-hin liberu tieghu b'dan l-iskop . Mehud in konsiderazzjoni r-rata ta' l-inflazzjoni, iz-zidied fil-paga, l-opportunitajiet ghal promozzjoni, li fil-kaz in ezami huma minimi, imma tenut kont ukoll illi gia giet allokata somma ohra lill-attur ghat-telf li kellu sas-sena 2002[14] , il-Qorti jidhrilha illi somma ta' ***erba' telef u hames mitt lira maltija (Lm4500) annwa*** ghandha tkun xierqa sabiex isservi ta' bazi ghall-kalkolu mehtieg .

Fil-kawza li segwew **Butler vs Heard** b'mod rigoruz il-hajja lavorattiva ma kienitx tigi kkalkolata a bazi tas-snin kollha li kien ghad baqghalha tahdem il-vittma, kieku ma sehhx l-incident, imma fuq guvni ta' l-eta' ta' l-attur normalment kienet tittehed hajja lavorattiva ta' ghoxrin (20) jew hamsa u ghoxrin (25) sena . Illum il-gurnata pero' meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi hafna pajjizi qed itawwlu wkoll l-eta' tal-pensjoni, ma baqa'

---

[11] ara dikjarazzjoni tac-chief clerk tal-Forzi Armati datata 27.1.1997 a fol. 92 .
[12] ara dok. MA a fol. 93 .
[13] ara f'dan is-sens : Jospeh Attard vs Carmelo d'Amato : Appell : 22.10.2002 .
[14] ara paragrafu A hawn fuq dwar il-likwidazzjoni tad-damnum emergens .

ebda raguni ghaliex il-hajja lavorattiva ma tigix kalkolata kollha[15] . Lanqas m’ghandu jaghmel ebda differenza l-fatt illi l-attur bhala impjegat ma’ forza dixxiplinata ghandu l-opportunita’ li jirtira bil-pensjoni wara hamsa u ghoxrin sena servizz, kif jargumenta l-konvenut fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu . L-ewwel nett din hija biss fakoltattiva, u mbaghad m’hemm l-ebda garanzija illi l-attur ser jibqa’ bilfors mal-Forzi Armati sakemm jirtira . Fil-kaz taghna l-attur, kif gia nghad, kellu hamsa u ghoxrin sena dakinhar ta’ l-incident . Sa meta jilhaq l-eta’ tal-pensjoni li s’issa ghadha ta’ wiehed u sittin (61) sena, ser ikunu ghaddew ***sitta u tletin (36) sena***, u ghalhekk il-kalkolu tal-Qorti jrid jinhadem fuq hajja lavorattiva tas-snin hekk indikati .

A tenur ta’ **Butler vs Heard** wkoll, kienet regola li titnaqqas percentwali mis-somma akkordata minhabba l-*lump sum payment* . Imma dan l-ahhar dan ma baqghax isir f’kazijiet bhal dak in ezami fejn, minhabba d-dewmien sakemm tinqata’ l-kawza, l-vittma tkun ser iddum snin shah qabel ma tibda tgawdi l-beneficcju ta’ din is-somma[16] . Fil-kaz taghna ser ikun ghaddew ezattament disa’ snin mid-data ta’ l-incident sakemm giet biex tinghata din is-sentenza, u ghalhekk m’hu qed issir ebda riduzzjoni ghal dan il-ghan .

B’hekk is-somma dovuta lill-attur ghad-debilita’ permanenti tieghu trid tinhadem bil-mod segwenti :

30% x Lm4500 x 36 = Lm48600 .

Biex nirrikapitulaw ghandna bhala :

A. Damnum Emergens : Lm373.10 + Lm92 + Lm3387.33 = Lm3852.43; u

B. Lucrum Cessans : Lm48,600 ;

---

[15] Agius vs. Galea et noe. : Kummerc : 11.7.1989 ; Buttigieg vs Azzopardi : Kummerc : 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg : Prim’Awla : 8.5.1990 .

[16] Joseph Attard vs Carmelo d’Amato gia citata .

- li jgibu total ta' : Lm51987.33.

Minhabba illi bis-sentenza parzjali taghha, r-responsabilita' ghall-kollizjoni mertu ta' din il-kawza giet allokata ugwalment bejn il-kontendenti, jigi li huwa dovut lill-attur in-nofs ta' din is-somma u cioe' : Lm25993, hamsa u ghoxrin elf disa' mija tlieta u disghin lira maltija .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-tieni u tielet talbiet ta' l-attur kif maghmula f'din ic-citazzjoni billi :

1. tillikwida d-danni sofferti mill-attur kagun ta' l-incident stradali mertu ta' din il-kawza, fis-somma ta' wiehed u hamsin elf disa' mija seba' u tmenin lira maltija (Lm51987) ;

2. billi bis-sentenza taghha tas-26 ta' Jannar 1999, l-attur gie misjub hati daqs il-konvenut ghal din il-kollizjoni, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nofs din is-somma u cioe' hamsa u ghoxrin elf disa' mija tlieta u disghin lira maltija (Lm25993) .

L-ispejjez tal-kawza, minhabba l-htija ugwali tal-kontendenti, ghandhom jigu ssoportati ndaqs bejniethom .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------